Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2026/2041(INI)

15.6.2026

EMENDI
1 - 308

Abbozz ta' rapport
Maria Walsh
(PE788.831v01-00)

dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura
(2026/2041(INI))

Emenda 1
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikoli 38, 39 ***u*** 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,	– wara li kkunsidra l-Artikoli 38, 39***,*** 174 ***u 349*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Or. pt

Emenda 2
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolament (UE) [EDIP],

Or. pt

Emenda 3
Jérémy Decerle, Christine Singer, Asger Christensen, Barry Cowen, Ciaran Mullooly, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (A10-0105/2026),

Or. en

Emenda 4
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u għad-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695,

Or. pt

Emenda 5
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19

ta' April 2021 bit-titolu "Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika fl-UE",

Or. en

Emenda 6
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar it-tisħiħ taż-żoni rurali fl-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni,

Or. en

Emenda 7
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006,

Or. pt

Emenda 8
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2026 dwar ir-reġjuni tal-Lvant li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna: Reġjuni b'saħħithom għal Ewropa sikura,

Or. en

Emenda 9
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea għandha rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward is-sigurtà u s-sovranità tagħha tal-ikel u l-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika tagħha;

Or. pt

Emenda 10
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– billi l-għadd ta' bdiewa żgħażagħ jibqa' jonqos fl-Unjoni Ewropea, minn madwar 1,1 miljun fl-2016 għal 960 000 fl-2023;

Or. pt

Emenda 11
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-età medja tal-bdiewa tal-UE għoliet minn 55 fl-2010 għal 57 fl-2020;	A. billi l-età medja tal-bdiewa tal-UE għoliet minn 55 fl-2010 għal 57 fl-2020***, u f'xi Stati Membri qabżet il-65***;

Or. pt

Emenda 12
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi 57 % tal-maniġers tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni għandhom aktar minn 55 sena, filwaqt li 12 % biss għandhom anqas minn 40 sena, u dan juri l-ħtieġa urġenti li jiġi aċċelerat it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura; billi l-bdiewa żgħażagħ jiżguraw il-kontinwità tal-produzzjoni agrikola u jġibu vitalità fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 13
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi 800 azjenda agrikola madwar l-Ewropa jagħlqu kuljum, u l-UE tilfet 37 % tal-azjendi agrikoli tagħha bejn l-2005 u l-2019;

Or. en

Emenda 14
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi n-nisa jikkostitwixxu biss 26 % tal-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena;	B. billi n-nisa jikkostitwixxu biss 26 % tal-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena; ***billi fl-2020, 31,6 % biss tal-azjendi agrikoli fl-UE kellhom sidien nisa[1a], li jiġġestixxu, bħala medja, 12 % biss tal-erja agrikola utilizzata; billi l-azjendi agrikoli ġestiti min-nisa għandhom it-tendenza li jkunu iżgħar minn dawk ġestiti mill-irġiel, bi dħul aktar baxx u b'anqas aċċess għall-appoġġ finanzjarju;***
	[1a] Eurostat, "Farmers and the agricultural labour force – statistics" (Il-bdiewa u l-forza tax-xogħol agrikola – statistika).

Or. en

Emenda 15
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi n-nisa jikkostitwixxu biss 26 % tal-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena;	B. billi n-nisa jikkostitwixxu biss 26 % tal-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena***, li jirrifletti inugwaljanzi strutturali persistenti bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-art, il-kapital, id-drittijiet ta' suċċessjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur agrikolu, minkejja l-objettivi tal-PAK dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiġdid ġenerazzjonali***;
	Or. en

Emenda 16
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi n-nisa li jaħdmu fis-settur agrikolu għadhom jiffaċċjaw inugwaljanzi strutturali meta mqabbla mal-irġiel, b'mod partikolari fir-rigward tal-maternità, il-liv tal-ġenituri u l-kontinwità tan-negozju; billi n-nuqqas jew l-insuffiċjenza ta' strumenti ta' appoġġ adegwati u servizzi ta' sostituzzjoni matul il-perjodi tal-maternità jirrappreżentaw ostaklu sinifikanti għall-bdiewa nisa żgħażagħ, li jaffettwa b'mod negattiv iż-żamma tagħhom fis-settur u jiskoraġġixxi ġenerazzjonijiet ġodda ta' nisa milli jidħlu fl-agrikoltura, b'konsegwenzi diretti għat-tiġdid ġenerazzjonali u s-sostenibbiltà fit-tul taż-żoni rurali;
	Or. it

Emenda 17
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi x-xogħol imwettaq mill-konjuġi u membri nisa oħra tal-familja f'azjendi agrikoli spiss jikkostitwixxi "xogħol inviżibbli" peress li mhux rikonoxxut uffiċjalment u għalhekk ma jipprovdix kopertura tas-sigurtà soċjali jew drittijiet oħra lill-persuni kkonċernati; billi s-sitwazzjoni rigward il-kopertura tas-sigurtà soċjali tvarja konsiderevolment bejn l-Istati Membri;

Or. es

Emenda 18
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi d-daqs medju iżgħar tal-azjendi agrikoli mmexxija min-nisa bħala medja, u l-mudelli ta' produzzjoni tagħhom li ġeneralment huma aktar iffukati fuq l-ambjent u diversifikati, ifixklu wkoll l-aċċess tagħhom għas-self bankarju[1a]; billi, madankollu, dawn il-karatteristiċi jagħmlu l-azjendi agrikoli tagħhom aktar reżiljenti għall-varjazzjonijiet klimatiċi u tas-suq u jagħmluha aktar faċli li s-sjieda tal-azjendi agrikoli tiġi ttrasferita;
	[1a] Tourtelier, C. et al., "Influence of gender on the development of sustainable agriculture in France" (L-influwenza tal-ġeneru fuq l-iżvilupp tal-agrikoltura sostenibbli fi Franza), Journal of Rural

Studies, Vol. 101, Lulju 2023.

Or. en

Emenda 19
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi fl-aħħar 20 sena, l-Unjoni Ewropea tilfet 37 % tal-bdiewa tagħha;

Or. en

Emenda 20
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Bb. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jolqtuhom, u fil-karigi tal-ġestjoni u tat-tmexxija tal-azjendi agrikoli fin-negozji agrikoli, fil-kooperattivi agrikoli, fit-trade unions u fil-gvernijiet muniċipali[1a];**
	[1a] Bas-Defossez F. u Pagnon J., "What is the link between gender equality and agriculture sustainability?" (X'inhi r-rabta bejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-sostenibbiltà fl-agrikoltura?), Istitut għall-Politika Ambjentali Ewropea, Settembru 2021.

Or. en

Emenda 21
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi ż-żieda fil-prezzijiet, il-kuntratti għal żmien qasir, il-ħtif tal-art u l-akkwisti spekulattivi jagħmlu l-aċċess għall-art agrikola kulma jmur aktar diffiċli għall-bdiewa ġodda; billi n-nisa jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali, kemm jekk minħabba prattiki tradizzjonali ta' wirt, diskriminazzjoni jew nuqqas ta' pariri legali;

Or. en

Emenda 22
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi, skont id-data tal-Eurostat, madwar 21 % tal-azjendi agrikoli organiċi fl-UE huma ġestiti minn bdiewa taħt l-età ta' 40 sena, meta mqabbla ma' 12 % biss f'azjendi agrikoli konvenzjonali[1a], u billi studji fil-livell nazzjonali juru li fost il-bdiewa ġodda fis-settur aktar minn 60 % jagħżlu mudelli ta' produzzjoni organiċi jew agroekoloġiċi[1b];
	[1a] Eurostat, "Fully organic farms in the EU" (Azjendi agrikoli totalment organiċi

fl-UE), Marzu 2024 ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Fully_organic_farms_in_the_EU

[1b] CASP, "Generational change in agriculture: Comparative analysis of businesses run by young farmers in selected EU countries" (Il-bidla ġenerazzjonali fl-agrikoltura: Analiżi komparattiva tan-negozji mmexxija minn bdiewa żgħażagħ f'pajjiżi magħżula tal-UE), 2026

Or. en

Emenda 23
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi bejn l-2010 u l-2023, l-għadd ta' azjendi agrikoli ġestiti minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena naqas b'47 %;	C. billi bejn l-2010 u l-2023, l-għadd ta' azjendi agrikoli ġestiti minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena naqas b'47 %***, li juri falliment serju u kontinwu tat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu tal-UE, dovut għal ostakli relatati mal-aċċess għall-art, l-instabbiltà tad-dħul, appoġġ insuffiċjenti tal-PAK u n-nuqqas ta' infrastruttura rurali***;

Or. en

Emenda 24
Maria Walsh, Daniel Buda, Wouter Beke, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Pekka Toveri, Marta Wcisło, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi bejn l-2010 u l-2023 madwar 3,6 miljun azjenda agrikola ħarġu mis-settur, tnaqqis ta' madwar 26 %; [1a]
	[1a] Il-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku tad-Direttorat għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Agrikoltura u s-Sajd: Generational change in agriculture (Il-bidla ġenerazzjonali fl-agrikoltura), 2026

Or. en

Emenda 25
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Pekka Toveri, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi bejn l-2010 u l-2023, l-għadd ta' azjendi agrikoli ġestiti minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena naqas b'47 % minn madwar 905 000 għal 483 000; [1b]
	[1b] Il-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Agrikoltura u s-Sajd, Generational change in agriculture (Il-bidla ġenerazzjonali fl-agrikoltura), 2026

Or. en

Emenda 26
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Pekka Toveri, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-bdiewa taħt l-età ta' 39 sena jammontaw għal 8,6 % tal-bdiewa rġiel u 2,2 % biss tal-bdiewa nisa, minħabba ostakli strutturali għad-dħul u s-suċċessjoni; [1c]
	[1c] Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, Women in agriculture in the EU (In-nisa fl-agrikoltura fl-UE), 2026

Or. en

Emenda 27
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Da. billi l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli hija prekundizzjoni neċessarja għat-tiġdid ġenerazzjonali; billi l-ebda miżura rigward l-aċċess għall-art, il-finanzjament jew is-suċċessjoni ma tista' tissostitwixxi l-kundizzjonijiet strutturali ta' profittabilità li jagħmlu d-dħul fis-settur attraenti għaż-żgħażagħ; billi l-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi li ma jirrispettawx l-istess standards sanitarji, ambjentali, u tax-xogħol meħtieġa mill-produtturi Ewropej joħolqu kompetizzjoni inġusta li taqta' qalb lill-bdiewa ġodda milli jidħlu fis-settur;**

Or. es

Emenda 28
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi minħabba ċ-ċirkostanzi storiċi speċifiċi fl-Istati Membri tal-Lvant, inkluż il-legat tan-nazzjonalizzazzjoni tal-art u l-privatizzazzjoni sussegwenti tal-art wara l-Komuniżmu, l-istrutturi agrikoli sofrew minn frammentazzjoni estrema; billi t-tgħaqqid u l-konsolidazzjoni ta' rqajja' agrikoli f'dawn ir-reġjuni kienet ħtieġa strutturali biex jerġgħu jinbnew azjendi agrikoli kompetittivi u ekonomikament vijabbli li kapaċi jiżguraw is-sigurtà tal-ikel, u jridu jkunu distinti b'mod ċar minn prattiki spekulattivi jew ħtif predatorju tal-art;

Or. en

Emenda 29
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Qorti tal-Awdituri Ewropea, fir-rapport speċjali tagħha nru 10/2017, stabbiliet formalment li l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni favur il-bdiewa żgħażagħ storikament ma kienx immirat sew u ma rnexxilux jagħti redditu konvinċenti fuq l-investiment; billi l-injezzjoni ta' fondi pubbliċi ma tistax tikkumpensa weħidha n-nuqqasijiet strutturali tal-profittabbiltà agrikola Ewropea;

Or. fr

Emenda 30
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. E. billi skont l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), l-agrikoltura tibqa' wieħed mill-aktar setturi perikoluż fl-UE, b'rati ta' inċidenti fatali madwar darbtejn sa tliet darbiet ogħla mill-medja tal-UE, u b'evidenza dejjem tikber ta' riskji psikosoċjali elevati, inkluż stress, iżolament u sfidi tas-saħħa mentali li jaffettwaw lill-bdiewa madwar l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 31
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-agrikoltura għadha relattivament bi ħlas baxx, u d-dħul agrikolu medju għadu jammonta għal 58 % biss tad-dħul medju fil-bqija tal-ekonomija fl-2023, minkejja ż-żidiet matul l-aħħar deċennji;

Or. en

Emenda 32
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-bdiewa huma fost l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, kemm ekonomikament, notevolment minħabba d-diżastri naturali, l-iskarsezza tal-ilma, it-tfaqqir tal-ħamrija u t-telf ta' servizzi funzjonali tal-ekosistema, kif ukoll soċjalment, peress li t-tibdil fil-klima joħloq theddid dirett u indirett addizzjonali għas-saħħa u l-benesseri tal-popolazzjonijiet rurali;

Or. en

Emenda 33
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-iżvilupp tal-biedja organika u agroekoloġika jipprovdi lieva importanti għall-attraenza għaż-żgħażagħ u għall-bdiewa ġodda, minħabba l-valur miżjud ekonomiku, ambjentali u soċjali tagħha;

Or. en

Emenda 34
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar it-tiġdid ġenerazzjonali stabbiliet mira li żżid il-proporzjon ta' bdiewa żgħażagħ għal 24 % sal-2040,

sabiex jitreġġa' lura t-tnaqqis demografiku fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 35
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-introjtu agrikolu ġenerali jibqa' aktar baxx b'mod sinifikanti mill-introjtu medju fost is-setturi ekonomiċi l-oħra kollha (60 % tas-salarji medji fl-2023);

Or. pt

Emenda 36
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Pekka Toveri, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Istrateġija tal-UE dwar it-Tiġdid Ġenerazzjonali stabbiliet l-objettiv li sal-2040 jintlaħqu 24 % ta' bdiewa żgħażagħ bħala punt ta' riferiment biex jitreġġa' lura t-tnaqqis demografiku tas-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 37
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-bdiewa żgħażagħ jiffaċċjaw bosta sfidi matul l-installazzjoni tagħhom bħal diffikultà biex jaċċessaw l-art u l-krediti, kif ukoll investimenti inizjali għoljin fl-infrastrutturi;

Or. en

Emenda 38
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli u l-konċentrazzjoni tal-art aċċeleraw f'ħafna Stati Membri, u ħolqu ostakli addizzjonali għall-bdiewa żgħażagħ u għall-bdiewa ġodda;

Or. en

Emenda 39
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-politiki li għandhom l-għan li jreġġgħu lura x-xejriet murija miċ-ċifri ma rnexxewx;

Or. es

Emenda 40
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi, b'mod konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u mar-Regolamenti (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 li jirregolaw il-politika agrikola komuni attwali, it-tfassil ta' pjanijiet strateġiċi, l-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-fondi jaqgħu taħt il-prerogattiva tal-Istati Membri; billi huwa imperattiv li tiġi ppreżervata din il-flessibbiltà nazzjonali sabiex l-Istati jkunu jistgħu jirrispondu b'mod effikaċi għar-realtajiet tat-territorji tagħhom u li jorjentaw mill-ġdid il-finanzjamenti f'każ ta' kriżijiet imprevisti;

Or. fr

Emenda 41
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-ostakli għad-dħul fis-settur agrikolu għadhom għoljin, b'mod partikolari għal bdiewa żgħażagħ u għall-bdiewa ġodda mingħajr assi tal-familja jew art b'wirt;

Or. en

Emenda 42
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi mingħajr tiġdid ġenerazzjonali fiż-żoni rurali, il-futur ta' dawn iż-żoni, kif ukoll dak tad-diversi setturi ekonomiċi li joperaw fi ħdanhom, b'mod partikolari s-settur primarju, qiegħed f'riskju;

Or. es

Emenda 43
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi n-nuqqas ta' aċċess jew aċċess fqir għall-kura tas-saħħa, is-servizzi tal-ilma, it-trasport, l-infrastruttura diġitali, l-internet, l-edukazzjoni, is-servizzi tal-kura tal-anzjani u tat-tfal u l-attivitajiet rikreattivi u kulturali huwa partikolarment problematiku fir-reġjuni rurali bħala postijiet fejn wieħed jista' jgħix u jaħdem, speċjalment għan-nisa, iż-żgħażagħ u l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, u dan jillimita l-opportunitajiet ekonomiċi u edukattivi;

Or. en

Emenda 44
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi, meta mqabbla ma' setturi oħra tal-ekonomija, l-agrikoltura għandha waħda mill-iżgħar proporzjonijiet ta' ħaddiema taħt l-età ta' 40 sena (31 %) u waħda mill-akbar proporzjonijiet ta' ħaddiema 'l fuq minn 65 sena (7 %); [1d]
	[1d] Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Sommarju Analitiku Nru 10, Bdiewa Żgħażagħ fl-Agrikoltura tal-UE

Or. en

Emenda 45
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-mudelli tal-biedja kooperattiva jiffaċilitaw l-aċċess għall-art, il-kapital, il-mekkanizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-ħin tax-xogħol u l-ħin tax-xogħol fuq talba;

Or. en

Emenda 46
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-art agrikola u l-fondi ta' investiment

spekulattivi qed jifirdu dejjem aktar il-valuri tal-art mill-produttività agrikola;

Or. en

Emenda 47
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi ż-żamma tal-attività u n-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali u l-attività agrikola hija essenzjali għall-awtonomija strateġika u alimentari tal-UE;

Or. es

Emenda 48
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-bdiewa żgħażagħ spiss iġibu investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-azjendi agrikoli tagħhom, u jinvestu fid-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni bħala muturi ta' aktar produttività;

Or. es

Emenda 49
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi n-nies minn sfond mhux agrikolu, kif ukoll in-nisa, jiffaċċjaw ostakli speċifiċi fl-aċċess għall-art, il-kreditu, l-informazzjoni u r-rikonoxximent professjonali;

Or. en

Emenda 50
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi ż-żoni rurali għandhom l-akbar sehem (12,6 %) ta' żgħażagħ bejn il-15 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ[1a];
	[1a] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: il-kisbiet ewlenin u t-triq 'il quddiem" (COM(2024)0450).

Or. en

Emenda 51
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi l-istrutturi tal-biedja kollettivi

u kooperattivi, li jippermettu lill-parteċipanti żgħażagħ u ġodda jaqsmu l-art, ix-xogħol u l-kostijiet u jnaqqsu r-riskji finanzjarji involuti mat-twaqqif ta' azjenda agrikola, għadhom appoġġjati b'mod mhux uniformi madwar l-Istati Membri u mhux dejjem huma rikonoxxuti b'mod adegwat fil-kriterji ta' eliġibbiltà tal-PAK, u dan jillimita l-potenzjal tagħhom bħala għodda għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 52
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi s-sitwazzjoni attwali tal-agrikoltura Ewropea u l-abbandun taż-żoni rurali miż-żgħażagħ joħolqu sfida serja għall-Politika Agrikola Komuni u għall-Politika ta' Koeżjoni, li għandhom jiżguraw l-iżvilupp taż-żoni rurali filwaqt li fl-istess ħin jagħtu spinta lill-potenzjal tagħhom;

Or. es

Emenda 53
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi n-nuqqas ta' dħul stabbli u ġust permezz ta' prezzijiet ġusti huwa l-ostaklu ewlieni għaż-żgħażagħ biex jidħlu

fil-biedja;

Or. en

Emenda 54
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi aktar minn 50 % tal-applikazzjonijiet għal self minn bdiewa żgħażagħ jiġu miċħuda mill-banek minħabba restrizzjonijiet ta' politika, meta mqabbla ma' 32 % għal bdiewa akbar fl-età, u billi kważi 30 % tal-bdiewa żgħażagħ miċħuda huma kklassifikati bħala ta' riskju għoli, u dan jindika falliment strutturali tas-suq li ma jistax jiġi indirizzat permezz tal-faċilitazzjoni tal-kreditu biss u jirrikjedi intervent pubbliku ddedikat[1a];
	1a agriculture.ec.europa.eu/media/news/access-finance-remains-insufficient-farmers-and-agri-food-smes-2023-10-12_mt

Or. en

Emenda 55
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi aktar minn nofs l-art agrikola hija mikrija u billi l-ġenerazzjonijiet

iżgħar spiss ikunu inkwilini tal-għelieqi li jikkultivaw;

Or. en

Emenda 56
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda, Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Df (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Df. billi l-Kummissjoni mistennija tippreżenta komunikazzjoni dwar id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju sa tmiem l-2026; billi dan id-dritt għandu jiġi mifhum bħala li jiggarantixxi lin-nies, b'mod partikolari liż-żgħażagħ, in-nisa u l-gruppi żvantaġġati, il-possibbiltà li jibnu ħajja dinjituża f'kull post madwar l-Unjoni, b'aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità f'ambjent sostenibbli u reżiljenti;

Or. en

Emenda 57
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u ***l-kompetittività*** tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata ***s-sigurtà*** tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u ***s-sostenibbiltà ekonomika*** tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata ***s-sovranità*** tal-ikel, ***jirrimarka li l-kwistjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali hija sintomu u eżitu ta' għexieren ta' snin ta' politika agrikola li ħeġġet u inċentivat sistemi ta'***

produzzjoni agrikola intensivi u mhux sostenibbli li kienu jiffukaw biss fuq il-produzzjoni u li ma rnexxilhomx jiżguraw dħul ġust għall-bdiewa u b'hekk daħħluhom f'nassa bla waqfien ta' sigħat twal u kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri li mhumiex attraenti għall-ġenerazzjoni żagħżugħa;

Or. en

Emenda 58
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE ***u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel***;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza***,*** il-kompetittività ***u l-awtonomija alimentari*** tal-agrikoltura tal-UE***; jenfasizza li tali tiġdid ġenerazzjonali se jkun possibbli biss jekk l-attività agrikola toffri profittabbiltà, ċertezza legali, stabbiltà ekonomika, u kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti fiż-żoni rurali***;

Or. es

Emenda 59
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE ***u*** tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE***,*** tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel***, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, jiġu preservati l-komunitajiet***

rurali u tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

Or. en

Emenda 60
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza ***u*** l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza***, l-innovazzjoni etika u sostenibbli u*** l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 61
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel; ***jenfasizza wkoll li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jnaqqas id-dipendenza esterna fis-setturi kritiċi u l-fatturi tal-produzzjoni, għas-sostenn tal-kapaċità ta' produzzjoni Ewropea u għat-tisħiħ tar-robustezza u r-reżiljenza tal-ktajjen agroalimentari quddiem il-kriżijiet ġeopolitiċi, ekonomiċi u tal-klima;***

Or. pt

Emenda 62
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel; ***iwissi wkoll li l-abbandun tal-azjendi agrikoli jirrappreżenta falliment kollettiv li jagħmel il-ftuħ mill-ġdid tagħhom fil-futur aktar diffiċli meta mqabbel mat-tkomplija tal-attività;***

Or. es

Emenda 63
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza***, is-sostenibbiltà, il-koeżjoni territorjali, is-sovranità tal-ikel*** u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 64
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel ***biex b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 65
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata ***s-sovranità u*** s-sigurtà tal-ikel ***fit-tul***;

Or. ro

Emenda 66
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel;	1. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel***, kif ukoll l-iżvilupp rurali***;

Or. en

Emenda 67
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jinnota li t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura jiddependi fuq li d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju jiġi appoġġjat u implimentat permezz tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali;

Or. en

Emenda 68
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiġi żgurat mingħajr politika ta' kummerċ barrani li tipproteġi l-kompetittività tal-mudell agrikolu Ewropew;

Or. es

Emenda 69
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-isfida tat-tiġdid ġenerazzjonali hija partikolarment akuta fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni, fejn il-bdiewa jiffaċċjaw

restrizzjonijiet addizzjonali marbuta ma' tħassib dwar is-sigurtà, flussi kummerċjali mfixkla, depopolazzjoni u opportunitajiet ta' investiment limitati;

Or. en

Emenda 70
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Marta Wcisło, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-isfida tat-tiġdid ġenerazzjonali hija partikolarment akuta f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema, bħat-trobbija tal-bhejjem, f'azjendi agrikoli iżgħar u f'żoni remoti, muntanjużi u bl-għoljiet, fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer; jitlob li jingħataw appoġġ immirat u attenzjoni partikolari lil dawn is-setturi u t-territorji, filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet speċifiċi tagħhom u jiġi rikonoxxut il-kontribut essenzjali tagħhom għall-produzzjoni tal-ikel, il-koeżjoni territorjali u l-vitalità rurali;

Or. en

Emenda 71
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali ma jistax jiġi kkunsidrat minn perspettiva sempliċement teoretika, iżda pjuttost abbażi tal-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali tas-settur;

Or. es

Emenda 72
Emma Wiesner, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li l-profittabbiltà fit-tul tal-azjendi agrikoli hija fundamentali biex l-agrikoltura ssir karriera attraenti u vijabbli għall-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda fis-settur; mingħajr marġini ta' profitt vijabbli u l-possibbiltà li jakkumulaw kapital, il-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda ma jistgħux jibnu argument għall-vijabbiltà sostenibbli għas-suċċessjoni jew jinvestu fil-modernizzazzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 73
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika b'mod effettiv il-prinċipju tar-reċiproċità fi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tiżgura li l-prodotti importati jissodisfaw l-istess standards sanitarji, ambjentali u tax-xogħol meħtieġa mill-produtturi tal-Unjoni, bħala kundizzjoni neċessarja biex l-agrikoltura Ewropea ssir ekonomikament attraenti għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda;

Or. es

Emenda 74
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jitlob li jingħataw appoġġ immirat u attenzjoni partikolari lil dawn it-territorji, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol strateġiku tagħhom fil-produzzjoni tal-ikel, il-koeżjoni territorjali u r-reżiljenza tal-komunitajiet rurali fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 75
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jinsisti li n-nuqqas ta' profittabbiltà, il-volatilità tal-prezzijiet, iż-żieda fl-ispejjeż, il-pressjoni burokratika, l-inċertezza klimatika, u l-kompetizzjoni minn prodotti minn pajjiżi terzi huma fatturi li jaqtgħu qalb iż-żgħażagħ milli jidħlu fis-settur agrikolu;

Or. es

Emenda 76
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis

propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 ***propost mill-Kummissjoni Ewropea*** jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat; ***jilqa' għalhekk il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew favur allokazzjoni baġitarja ta' EUR 433 biljun għall-PAK, li minnhom EUR 320 30 biljun huma għal pagamenti diretti u EUR 106,41 biljun għall-iżvilupp rurali, u pakkett finanzjarju ta' EUR 7,33 biljun għall-POSEI;***

Or. pt

Emenda 77
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis ***propost*** tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 ***propost mill-Kummissjoni*** jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat; ***ifakkar fil-pożizzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fit-28 ta' April 2026, li tipprevedi żieda fil-baġit tal-PAK għal EUR 433,01 biljun fi prezzijiet attwali;***

Or. en

Emenda 78
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali***, peress li kważi terz tal-bdiewa Ewropej għandhom aktar minn 65 sena u li l-aċċess għall-art, il-kreditu u dħul stabbli diġà jikkostitwixxi ostaklu ewlieni għall-istabbiliment ta' negozji agrikoli; jisħaq li tnaqqis fl-għajnuna tal-bidu, l-appoġġ għall-introjtu u l-investiment agrikolu primarjament jimmina lill-bdiewa żgħażagħ u jaċċelera l-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli favur operazzjonijiet akbar;*** jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat***, ambizzjuż u aċċessibbli***;

Or. en

Emenda 79
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) għall-perjodu 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) għall-perjodu 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat ***b'biżżejjed fondi biex jintlaħqu dawn il-miri***;

Or. es

Emenda 80
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat ***u vinkolanti***;

Or. en

Emenda 81
Camilla Laureti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat;	2. Iwissi li hemm riskju li t-tnaqqis propost tal-baġit tal-politika agrikola komuni (PAK) 2028-2034 jimmina t-tiġdid ġenerazzjonali; jisħaq li l-attrazzjoni u ż-żamma tal-bdiewa żgħażagħ jirrikjedu finanzjament iddedikat ***u stabbli***;

Or. it

Emenda 82
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinnota li d-diskrepanzi persistenti fil-livelli ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri jistgħu jimminaw l-attraenza u l-vijabbiltà ekonomika tal-biedja għal bdiewa żgħażagħ f'ċerti reġjuni tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 83
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri jeħtiġilhom jingħataw flessibilità suffiċjenti fl-użu tal-fondi ddedikati għat-tiġdid ġenerazzjonali biex l-appoġġ ikun jista' jitfassal skont l-istruttura tal-azjendi agrikoli nazzjonali u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa f'kull Stat Membru;

Or. ro

Emenda 84
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinnota li l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq l-ettari għandu t-tendenza li jwassal għal konċentrazzjoni tal-art, li jnaqqas l-għadd ta' bdiewa u li jagħmel l-azjendi agrikoli aktar diffiċili biex jiġu trasferiti; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi limitu massimu u appoġġ għall-introjtu digressiv ibbażat fuq l-erja fil-PAK;

Or. en

Emenda 85
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-proċess ta' konverġenza esterna fil-PAK li jmiss sabiex tappoġġja tiġdid ġenerazzjonali bbilanċjat madwar l-UE;

Or. en

Emenda 86
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jinnota li l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju għandhom rwol ewlieni fiż-żamma tal-impjiegi rurali, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat;

Or. en

Emenda 87
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jitlob li l-miżuri ta' tiġdid ġenerazzjonali jkunu aċċessibbli u attraenti għall-azjendi agrikoli ta' kull daqs;

Or. en

Emenda 88
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jiddispjaċih*** li l-ambizzjoni tal-istrateġija ta' tiġdid ġenerazzjonali mhijiex riflessa fil-proposti tal-PAK; jitlob li 10 % tal-baġit tal-PAK ta' wara l-2027 jiġi delimitat għall-bdiewa żgħażagħ u għat-tiġdid ġenerazzjonali;	3. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-ambizzjoni tal-istrateġija ta' tiġdid ġenerazzjonali mhijiex riflessa fil-proposti tal-PAK; jitlob li 10 % tal-baġit tal-PAK ta' wara l-2027 jiġi delimitat għall-bdiewa żgħażagħ u għat-tiġdid ġenerazzjonali; ***jitlob żieda fl-ammonti ta' appoġġ għall-istabbiliment inizjali u għall-applikazzjoni ta' pagamenti supplimentari speċifiċi fuq ir-rati ta' appoġġ tal-investiment; iqis li dawn il-miżuri huma essenzjali bħala kumpens għall-ispejjeż għoljin tad-dħul fis-settur agrikolu; jemmen li livelli aktar ambizzjużi ta' appoġġ se jgħinu biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment, biex jitħaffef it-tiġdid ġenerazzjonali u biex l-agrikoltura ssir aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet żgħażagħ;***

Or. pt

Emenda 89
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ għall-konverżjoni organika u l-pagamenti tal-manutenzjoni jkunu delimitati b'mod adegwat u mhux imnaqqsa fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri tagħhom meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

Or. en

Emenda 163
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jinsisti li r-rekwiżiti ta' konformità jridu jiġu komunikati b'mod ċar u akkumpanjati minn taħriġ u pariri mfassla apposta;

Or. en

Emenda 164
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi regolament tranżitorju mill-aktar fis possibbli biex tiżgura l-kontinwità bejn iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni;

Or. en

Emenda 165
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li nuqqas ta' konformità minuri, tekniku jew mhux intenzjonat ma jirriżultax f'penali sproporzjonati jew f'rimborż shih tal-għajnuna;

Or. en

Emenda 166
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jenfasizza li tqassim aktar ġust, trasparenti u bbilanċjat tal-valur tul il-katina alimentari kollha huwa essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibilità ekonomika tal-farms u jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. pt

Emenda 167
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jirrakkomanda s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, it-tnaqqis fil-burokrazija żejda, il-kostijiet tal-konformità u l-kumplessità regolatorja, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. pt

Emenda 168
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jisħaq li l-politiki tal-aċċess għall-art għandhom iqisu l-bżonnijiet partikolari tal-bdiewa żgħażagħ li jixtiequ jistabbilixxu proġetti agroekoloġiċi jew organiċi;

Or. en

Emenda 169
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Iqis li qafas regolatorju aktar sempliċi, trasparenti u previdibbli huwa kruċjali biex jitħeġġeġ l-investiment fit-tul;

Or. pt

Emenda 170
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jinnota li l-persistenza ta' marġnijiet baxxi ta' profitt u intorjti insuffiċjenti fis-settur agrikolu hija wieħed mill-ostakli ewlenin biex il-bdiewa żgħażagħ jistabbilixxu lilhom infushom u jibqgħu fis-settur; jirrakkomanda għalhekk it-tisħiħ ta' strumenti li jippromwovu tqassim aktar ekwitabbli tal-valur miżjud, jikkumbattu l-iżbilanċi fis-saħħa ta' negozjar u l-prattiki kummerċjali inġusti u jiżguraw remunerazzjoni adegwata għall-produtturi biex b'hekk il-biedja ssir professjoni aktar attraenti, jiġi stimulat l-investiment fit-tul u jiġi ffaċilitat id-dħul ta' ġenerazzjonijiet ġodda fis-settur;

Or. pt

Emenda 171
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li każijiet minuri, tekniċi jew mhux intenzjonati ta' nuqqas ta' konformità ma jwasslux għal penali sproporzjonati;

Or. en

Emenda 172
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jargumenta li l-bdiewa żgħażagħ għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-aktar avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi reċenti applikabbli għall-agrikoltura, inklużi l-biedja ta' preċiżjoni, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-tekniki ġodda fit-tnissil tal-pjanti; jenfasizza, b'mod partikolari, il-potenzjal tat-tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) għall-iżvilupp ta' varjetajiet ta' pjanti li jkunu aktar reżistenti għall-pesti u l-mard, aktar tolleranti għan-nixfa u avveniment oħra ta' temp estrem, aktar effiċjenti fir-riżorsi u anqas dipendenti mill-fatturi ta' produzzjoni;

Or. pt

Emenda 173
Pär Holmgren

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jappella għal networks ta' mentoraġġ iddedikati, pjattaformi ta' tagħlim bejn il-pari u aċċess għal infrastruttura ta' riċerka organika u agroekoloġika għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 174
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jisħaq li r-rekwiżiti ta' konformità għandhom jiġu kkomunikati b'mod ċar u appoġġjati minn taħriġ u gwida xierqa;

Or. en

Emenda 175
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Iqis essenzjali li l-qafas regolatorju jkun ibbażat fuq ix-xjenza, proporzjonat u jwassal għall-innovazzjoni biex jippermetti l-adozzjoni sikura u f'waqtha ta' dawn it-teknoloġiji, u b'hekk isaħħaħ il-kompetittività, is-sostenibilità u l-profitabilità tal-azjendi agrikoli;

Or. pt

Emenda 176
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jitlob li s-sistemi ta' penali jiddistingwu bejn ksur intenzjonat u żbalji ġenwini li jirriżultaw minn nuqqas ta' esperjenza;

Or. en

Emenda 177
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Itenni li l-politika kummerċjali tal-Unjoni trid tiżgura r-rispett sħiħ tal-prinċipju ta' reċiproċità tal-istandards;

Or. pt

Emenda 178
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6f. Iqis li l-prodotti agrikoli importati jridu jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-produtturi tal-Unjoni f'oqsma bħas-sikurezza tal-

ikel, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni tal-ambjent, l-istandards tax-xogħol u t-traċċabbiltà;

Or. pt

Emenda 179
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6f. Iħeġġeġ l-użu fl-agrikoltura ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord bħad-droni, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-għelejjel u l-bhejjem, id-detezzjoni bikrija u l-kontroll tal-pesti u l-mard, l-applikazzjoni mmirata ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-ottimizzazzjoni tal-użu mir-riżorsi u t-twettiq ta' operazzjonijiet f'żoni fejn l-opzjonijiet tekniċi konvenzjonali jippruvaw ruħhom inadegwati jew mhux fattibbli, u b'hekk jikkontribwixxu lejn iż-żieda fil-produttività, is-sostenibilità ambjentali u l-kompetittività tal-azjendi agrikoli;

Or. pt

Emenda 180
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6g. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri li jiddeċiedu li jimplimentaw skemi ta' kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali li jkunu

aktar favorevoli lejn is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, inklużi t-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-eżenzjoni mit-tassazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni Ewropea li jingħata fil-qafas tal-politika agrikola komuni, bil-għan li jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali, tittejjeb l-attraenza tas-settur u jiġu żgurati r-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 181
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6g. Iqis li n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni jimmina l-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew, inaqqas il-profitabilità tal-farms u jagħmel il-biedja anqas attraenti għall-ġenerazzjonijiet żgħażagħ; jirrakkomanda għalhekk it-tishiħ tal-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità ma' dawn l-istandards, sabiex jiġu pprevenuti d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiġi żgurat li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ma ssirx għad-detriment tal-bdiewa tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 182
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ ***biex*** jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;	7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ ***minn ħames għal għaxar snin bil-għan li*** jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul ***u l-possibbiltà li titwettaq ristrutturazzjoni produttiva bbażata fuq il-kundizzjonijiet tas-suq, il-varjetà tal-għelejjel jew l-ispeċi tal-bhejjem, jew fatturi ġeopolitiċi mhux previsti***;

Or. es

Emenda 183
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;	7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ ***inkluż appoġġ għall-istabbiliment u l-investiment, aċċess għal strumenti finanzjarji u inċentivi finanzjarji*** u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;

Or. en

Emenda 184
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-	7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-

appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;	appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul; ***jisħaq, madankollu, li l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ għandu jikkomplementa aktar milli jissostitwixxi l-appoġġ għall-bdiewa attivi eżistenti, li l-vijabbiltà ekonomika tagħhom hija prerekwiżit għas-suċċessjoni b'suċċess tal-azjendi agrikoli u għat-tiġdid ġenerazzjonali;***

Or. en

Emenda 185
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;	7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ ***fl-agrikoltura sostenibbli u bbażata fuq il-pjanti*** u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul;

Or. en

Emenda 186
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni	7. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ immirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u testendi l-perjodi ta' appoġġ biex jirriflettu aħjar iċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul

agrikola u l-orizzonti ta' investiment fit-tul; ***u tipproponi miżuri tranżitorji***;

Or. ro

Emenda 187
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li dħul ġust u stabbli mill-azjendi agrikoli huwa prekundizzjoni fundamentali għal tiġdid ġenerazzjonali b'suċċess u li l-bdiewa żgħażagħ mhux se jibqgħu fis-settur jew mhux se jidħlu fih jekk il-biedja tkompli tkun ikkaratterizzata minn profittabbiltà baxxa, kostijiet għoljin ta' produzzjoni u espożizzjoni estrema għall-kriżijiet tas-suq;

Or. en

Emenda 188
Emma Wiesner, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-iskemi ta' appoġġ għandhom ikunu mfassla biex itejbu l-profittabbiltà tal-azjendi agrikoli, u b'hekk jippermettu lill-bdiewa żgħażagħ inaqqsu d-dipendenza fuq id-dejn u jinvestu fil-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 189
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-promozzjoni tal-bijodiversità fiż-żoni rurali hija importanti sabiex tissalvagwardja s-servizzi tal-ekosistema, ittejjeb ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekonomiji rurali; jafferma mill-ġdid li s-servizzi tal-ekosistema agrikola għandhom rwol fundamentali fis-soċjetà u li huwa essenzjali li jkunu rikonoxxuti bħala beni pubbliċi u ffinanzjati kif suppost permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ pubbliku, bħal inċentivi finanzjarji, pagamenti għal servizzi ambjentali u politiki li jippremjaw prattiki sostenibbli; jindika l-importanza ta' miżuri ta' kumpens għall-bdiewa sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tkun ġusta u prattika u ma twassalx għal disparitajiet soċjoekonomiċi ġodda;

Or. en

Emenda 190
Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-Unjoni Ewropea kienet qed tiftaħ is-swieq agrikoli Ewropej għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mal-istess standards ambjentali, tal-benesseri tal-annimali, tas-sikurezza tal-ikel u oħrajn, u dan jimponi kostijiet żejda sostanzjali fuq il-produtturi Ewropej;

ifakkar li l-bdiewa żgħażagħ huma aktar vulnerabbli għal din il-kompetizzjoni inġusta milli l-bdiewa akbar fl-età; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis l-interessi tal-bdiewa żgħażagħ meta tfassal il-politika kummerċjali u tevita li tikkonkludi ftehimiet kummerċjali li huma manifestament ta' ħsara għall-bdiewa żgħażagħ;

Or. en

Emenda 191
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat appoġġ adegwat u mmirat għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ matul l-ewwel snin wara li jistabbilixxu ruħhom, li huwa kritiku b'mod partikolari għall-vijabbiltà ekonomika ta' farms ġodda; jissottolinja, għal dan l-għan, il-valur tal-appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ u miżuri speċifiċi oħra previsti fl-ambitu tal-PAK, li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-bidu ta' negozji, jappoġġjaw l-investimenti inizjali u jsaħħu r-reżiljenza tal-farms li għadhom kif ġew stabbiliti;

Or. it

Emenda 192
Benoit Cassart, Christine Singer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja li n-nuqqas ta' reċiproċità u l-kompetizzjoni globali inġusta jirrappreżentaw pressjoni addizzjonali għall-bdiewa Ewropej, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħażagħ; jisħaq li n-nuqqas ta' reċiproċità jista' jiskoraġġixxi lill-bdiewa żgħażagħ milli jieħdu f'idejhom l-azjendi agrikoli; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura koerenza akbar bejn il-politiki kummerċjali, ambjentali u agrikoli tagħha billi tinkludi klawżoli mera fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha biex tiżgura li prodotti importati li ma jissodisfawx l-istandards tal-UE ma jitqegħdux fis-suq tal-UE;

Or. en

Emenda 193
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja bi tħassib kbir li kemm il-piż regolatorju għoli kif ukoll il-piż amministrattiv huma fost ir-raġunijiet ewlenin għaliex is-suċċessuri potenzjali tal-azjendi agrikoli jaraw lilhom infushom dejjem aktar imġiegħla jsegwu karrieri barra l-agrikoltura; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu l-pressjoni regolatorja u l-piż amministrattiv, notevolment ukoll billi jirrieżaminaw id-dispożizzjonijiet skaduti fil-leġiżlazzjoni ambjentali, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jwaqqfu l-gold-plating tar-regoli tal-UE fil-fażi tal-implimentazzjoni nazzjonali;

Or. en

Emenda 194
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li dħul instabbli u baxx mill-azjendi agrikoli huwa l-ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 195
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' ż-żieda proposta fil-livell massimu ta' appoġġ tal-PAK minn EUR 100 000 għal EUR 300 000 għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda u l-bidu ta' negozji rurali;

Or. en

Emenda 196
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinsisti dwar il-fatt li l-ebda politika ta' tiġdid ġenerazzjonali mhi se tkun vijabbli mingħajr ma tiggarantixxi l-profittabbiltà ekonomika tal-impriżi fil-

konfront tal-kompetizzjoni internazzjonali żleali; għaldaqstant jeżiġi l-waqfien immedjat tan-negozjati ta' kummerċ liberu asimetriku (bħall-Mercosur) u l-applikazzjoni sistematika ta' klawżoli mera li jipprojbixxu l-importazzjoni tal-prodotti agrikoli li ma jirrispettawx ir-regoli tal-produzzjoni Ewropej u Franċiżi;

Or. fr

Emenda 197
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid ikun akkumpanjat minn distribuzzjoni aktar ġusta tal-valur miżjud fil-katina tal-provvista tal-ikel kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa, inklużi l-bdiewa żgħażagħ u l-parteċipanti ġodda, fil-katina tal-ikel, jiġġieldu l-prattiki kummerċjali inġusti u jiżguraw li l-bdiewa jirċievu prezzijiet li jirriflettu aħjar il-kostijiet tal-produzzjoni, il-ħtiġijiet ta' investiment u l-valur strateġiku tal-produzzjoni tal-ikel;

Or. en

Emenda 198
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jipproponi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-użu tal-istrumenti

disponibbli fil-qafas tar-Regolament dwar l-OKS, bħall-iskema għall-iskejjel tal-UE, inklużi miżuri edukattivi, u l-akkwist pubbliku tal-ikel, biex jiffaċilitaw aċċess preferenzjali tal-bdiewa żgħażagħ għas-swieq istituzzjonali, b'mod partikolari permezz ta' kriterji li jiffavorixxu l-prodotti Ewropej, lokali, staġjonali u sostenibbli, b'konformità mar-regoli dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni;

Or. ro

Emenda 199
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq ukoll li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi l-ġodda tal-PAK ma għandux iwassal biex il-bdiewa żgħażagħ jixjieħu tant li ma jibqgħux eliġibbli għall-għajnuna għall-installazzjoni, appoġġ komplementari għall-introjtu jew miżuri oħrajn ta' tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 200
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw simplifikazzjoni b'mod trażversali għall-istrumenti kollha mmirati lejn il-bdiewa żgħażagħ, permezz ta' proċeduri aktar simplifikati, tnaqqis

fil-pożizzjonijiet amministrattivi, punti ta' kuntatt uniċi operattivi, skadenzi ċari għad-deċiżjonijiet, u l-possibbiltà ta' ħlasijiet bil-quddiem jew ħlasijiet akkont għall-għajnuna għall-istabbiliment u l-investiment;

Or. es

Emenda 201
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-għajnuna inizjali tibqa' inadegwata għal bdiewa ġodda li ma jirtux azjenda agrikola eżistenti u li għalhekk jiffaċċjaw kostijiet inizjali oġħla għall-art, it-tagħmir, il-bini u l-kapital operatorju; jirrimarka li, f'xi Stati Membri, l-għajnuna inizjali tal-PAK mhijiex biżżejjed biex tkopri l-kost tal-akkwist ta' art agrikola;

Or. en

Emenda 202
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob appoġġ immirat għal bdiewa żgħażagħ biex itejbu standards oġħla ta' benesseri tal-annimali fil-biedja;

Or. en

Emenda 203
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-bdiewa żgħażagħ jipparteċipaw fit-tfassil ta' miżuri għat-tiġdid ġenerazzjonali, u jsaħħu l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali meta jfasslu l-istrateġiji nazzjonali rilevanti;

Or. en

Emenda 204
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi l-importanza ta' appoġġ immirat għall-introjtu għal bdiewa żgħażagħ matul l-ewwel snin wara li jkunu bdew negozju, inkluż permezz tal-Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ u miżuri oħra ta' appoġġ iddedikati taħt il-PAK;

Or. en

Emenda 205
Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li regoli sempliċi, ċertezza legali u qafas ta' politika stabbli huma kundizzjonijiet ewlenin biex jiġu attirati ġenerazzjonijiet iżgħar lejn l-agrikoltura u biex jiġu inkoraġġuti parteċipanti ġodda biex jistabbilixxu negozji agrikoli vijabbli;

Or. en

Emenda 206
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-appoġġ sottomessi minn bdiewa żgħażagħ li ma rċevewx finanzjament minħabba limitazzjonijiet baġitarji jew dewmien amministrattiv ikunu jistgħu jiġu sottomessi mill-ġdid mingħajr limitazzjonijiet ta' żmien, dment li l-applikanti jkomplu jissodisfaw il-parametri għad-definizzjoni ta' bidwi żagħżugħ; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jiżguraw li dawn l-applikazzjonijiet jiġu vvalutati u li tittieħed deċiżjoni finali fi żmien 12-il xahar mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u li l-pagamenti korrispondenti jsiru fi żmien 12-il xahar oħra, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, jiġi ffaċilitat l-ippjanar tal-investiment u jiġi evitat li l-bdiewa żgħażagħ jiġu żvantaġġati minn ineffiċjenzi amministrattivi;

Or. it

Emenda 207
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza li standards għoljin ta' benesseri tal-annimali jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul, ir-reżiljenza ekonomika, l-aċċettazzjoni mis-soċjetà u l-valur miżjud tal-biedja Ewropea;

Or. en

Emenda 208
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza li s-sistemi agrikoli sostenibbli huma aktar reżiljenti għax-xokkijiet tas-suq u tal-klima, u jikkontribwixxu għaż-żamma u l-protezzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni u r-riżorsi naturali li mingħajrhom ma jista' jkun hemm l-ebda bdiewa fil-futur;

Or. en

Emenda 209
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappella għal mekkaniżmi msaħħa ta' regolamentazzjoni tas-suq agrikolu,

inkluż strumenti għall-ġestjoni tal-provvista, għodod imtejba għall-ġestjoni tal-kriżijiet u organizzazzjonijiet tal-produtturi aktar b'saħħithom biex tissaħħaħ is-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 210
Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ebda applikant ma jitlef l-aċċess għall-appoġġ sempliċement minħabba dewmien fit-tranżizzjoni għal qafas ġdid tal-PAK u li l-perjodi ta' eliġibbiltà jiġu estiżi kif xieraq;

Or. en

Emenda 211
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jissottolinja li l-bdiewa żgħażagħ qed jiffaċċjaw kostijiet tal-bidu u tal-investiment dejjem akbar, u b'hekk appoġġ finanzjarju adegwat matul il-fażi tal-istabbiliment huwa essenzjali biex jittejjeb l-aċċess għall-biedja, jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u jissaħħu l-vijabbiltà u l-kompetittività fit-tul tas-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 212
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jissottolinja li fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet ta' 57 sena, bi 12 % biss tal-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena; in-nuqqas ta' bdiewa żgħażagħ jirrappreżenta sfida reali għall-vijabbiltà ekonomika tas-settur agrikolu Ewropew;

Or. en

Emenda 213
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq li żieda fil-valur miżjud iġġenerat fl-azjendi agrikoli hija essenzjali għall-attraenza tas-settur għall-ġenerazzjonijiet ġodda;

Or. ro

Emenda 214
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jitlob li l-perjodu ta' appoġġ għall-

bdiewa żgħażagħ ġodda jkun jista' jiġi estiż, fejn ġustifikat, sa għaxar snin, sabiex ikun adattat għaċ-ċikli ta' investiment attwali, għall-kundizzjonijiet tas-suq, għall-varjetà ta' għelejjel u l-ispeċijiet ta' bhejjem, għall-ħtiġijiet ta' bdil fil-produzzjoni, u għar-riskji ġeopolitiċi jew klimatiċi li jistgħu jaffettwaw il-vijabbiltà tal-azjenda;

Or. es

Emenda 215
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Marta Wcisło, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali jirrikjedi ċertezza politika fit-tul; jinnota li l-bdiewa żgħażagħ u l-familji tal-bdiewa huma anqas probabbli li jinvestu, jinnovaw jew jinvolvu ruħhom fl-ippjanar tas-suċċessjoni jekk jiffaċċjaw inċertezza rigward il-politiki agrikoli futuri u l-mekkaniżmi ta' appoġġ;

Or. en

Emenda 216
Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq li l-politiki ambjentali u klimatiċi għandhom jikkombinaw l-objettivi ta' sostenibbiltà mar-realtajiet tal-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa

żgħażagħ jiġu appoġġjati aktar milli skoraġġuti milli jidħlu fis-settur;

Or. en

Emenda 217
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jissottolinja li s-sostenibbiltà tal-prattiki agrikoli, inklużi standards għoljin tal-benesseri tal-annimali, il-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità hija ta' importanza ewlenija għall-vijabbiltà fit-tul u l-attraenza tal-professjoni agrikola;

Or. en

Emenda 218
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mis-sinerġiji bejn il-PAK u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività 2028-2034 biex jappoġġjaw investimenti minn bdiewa żgħażagħ fl-ipproċessar fil-farm, l-imballaġġ, il-kummerċjalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti b'valur miżjud għoli;

Or. ro

Emenda 219
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-natura limitata fiż-żmien tal-appoġġ speċifiku pprovdut lill-bdiewa żgħażagħ u n-nuqqas ta' miżuri tranżitorji adegwati wara li jintemm il-perjodu ta' eleġibbiltà;

Or. ro

Emenda 220
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jissottolinja d-diffikultà li jiġu attirati bdiewa żgħażagħ, speċjalment fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem, minħabba n-natura impenjattiva tax-xogħol bħal sigħat twal ta' xogħol, il-possibbiltà limitata li wieħed jieħu liv, u nuqqas ta' servizzi ta' sostituzzjoni; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' servizzi ta' sostituzzjoni;

Or. en

Emenda 221
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jappella għall-inklużjoni fil-

pjanijiet nazzjonali ta' tiġdid ġenerazzjonali ta' kapitolu ddedikat dwar l-adozzjoni minn bdiewa ġodda u żgħażagħ ta' azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi, b'mod partikolari l-konverżjoni għall-biedja organika;

Or. en

Emenda 222
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jappella għal protezzjoni aħjar għall-bdiewa kollha mill-qbid tal-valur miżjud, kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-istandards ta' produzzjoni tal-UE, u volatilità eċċessiva fis-swieq globali tal-prodotti bażiċi;

Or. en

Emenda 223
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali fil-biedja jirrikjedi prezzijiet ġusti għall-prodotti agrikoli; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-mezzi meħtieġa biex tibbilanċja mill-ġdid il-pożizzjoni dgħajfa attwali tal-bdiewa tal-UE fil-katina tal-valur, b'mod partikolari permezz tar-regolament dwar l-OKS u billi ssaħħaħ ir-regolament dwar il-

prattiki kummerċjali inġusti u l-implimentazzjoni tiegħu, tiġġieled kontra l-konċentrazzjoni żejda fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib, tiżgura r-reċiproċità fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali, tappoġġja ktajjen tal-provvista qosra u l-konsum ta' prodotti lokali, kif ukoll issaħħaħ l-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO);

Or. en

Emenda 224
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jinnota bi tħassib il-perċezzjoni dejjem aktar negattiva tas-settur agrikolu fost iċ-ċittadini Ewropej, li timmina l-attraenza tas-settur u tikkostitwixxi ostaklu addizzjonali għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 225
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jitlob li l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-appoġġ lil bdiewa żgħażagħ jiġu adattati għar-realtà tal-azjendi agrikoli tal-familja bi sjieda jew ġestjoni kondiviża, filwaqt li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn rekwiżiti stretti dwar il-kontroll tal-maġġoranza jew sjieda li taqbeż il-50 % jeskludu liż-żgħażagħ li

jaħdmu b'mod effettiv, professjonali u kontinwu fl-azjenda agrikola tal-familja matul proċess ta' suċċessjoni gradwali;

Or. es

Emenda 226
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu, Paulo do Nascimento Cabral, Marta Wcisło, Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jappella għal PAK stabbli, simplifikata u prevedibbli li tipprovdi orizzont ta' ppjanar ċar għan-negozji agrikoli u toħloq il-fiduċja meħtieġa biex tappoġġja l-investiment, il-kompetittività u t-trasferiment b'suċċess tal-azjendi agrikoli lill-ġenerazzjoni li jmiss;

Or. en

Emenda 227
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jistieden lill-Kummissjoni torbot u tikkoordina l-Istrateġija għat-Tiġdid Ġenerazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika;

Or. en

Emenda 228
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jisħaq fuq il-fatt li l-investimenti agrikoli jirrikjedu orizzonti ta' ppjanar fit-tul u li tnaqqis f'daqqa fil-livell ta' appoġġ jista' jaffettwa l-previdibbiltà finanzjarja, il-kapaċità ta' investiment u l-vijabbiltà ekonomika tal-farms operati minn bdiewa żgħażagħ;

Or. ro

Emenda 229
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi biex jippromwovu immaġni aktar pożittiva tas-settur agrikolu Ewropew u jħeġġu liż-żgħażagħ jieħdu f'idejhom l-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 230
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu strumenti ta' appoġġ progressiv u mekkaniżmi tranżitorji mfassla apposta għall-fażijiet

fl-iżvilupp tal-azjendi agrikoli;

Or. ro

Emenda 231
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali ***minħabba*** prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali ***dovut għal*** prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, ***ħtif tal-art u*** akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 232
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, ***kostijiet tal-akkwist u tal-kiri li qed jogħlew,*** akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni***, b'mod partikolari għal bdiewa żgħażagħ u dawk ġodda li mhumiex se jirtu art agrikola***;

Or. en

Emenda 233
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi***, konċentrazzjoni tal-art, ħtif tal-art, il-konverżjoni ta' art agrikola għal użi mhux agrikoli*** u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 234
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li***, minħabba n-nuqqas ta' qafas tal-UE dwar l-art,*** l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba ***konċentrazzjoni tal-art,*** prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 235
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà

limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	limitata, ***frammentazzjoni tal-art,*** akkwisti spekulattivi***, kirjiet mhux sikuri, sjieda tal-art mhux riżolta*** u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 236
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi***, il-ftehimiet kummerċjali ġodda ma' pajjiżi terzi*** u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. es

Emenda 237
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess ***għall-art*** għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess ***għas-sjieda u l-kiri tal-art*** għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, ***kundizzjonijiet tal-kiri instabbli,*** akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 238
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-aċċess għall-art għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;	8. Jisħaq li l-aċċess għall-art ***permezz tal-akkwist*** għadu ostaklu ewlieni għat-tiġdid ġenerazzjonali minħabba prezzijiet għoljin, disponibbiltà limitata, akkwisti spekulattivi u ppjanar insuffiċjenti tas-suċċessjoni;

Or. en

Emenda 239
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li l-aċċess għall-art agrikola jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tiġdid ġenerazzjonali, b'mod partikolari fil-gżejjer u r-reġjuni b'disponibbiltà limitata ta' art, fejn il-prezzijiet tal-art komplew jiżdiedu u l-bdiewa żgħażagħ jiffaċċjaw kompetizzjoni qawwija minn pressjonijiet spekulattivi u mhux agrikoli:

Or. en

Emenda 240
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-art agrikola għandha bħala prijorità tkun disponibbli għall-bdiewa attivi;

Or. de

Emenda 241
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-età medja tal-bdiewa tal-UE żdiedet minn 55 fl-2010 għal 57 fl-2020, jindika li dan juri li hemm grupp sostanzjali ta' bdiewa potenzjali li, minkejja li għandhom aċċess għall-art, ma jixtiqux jieħdu f'idejhom l-azjendi agrikoli tal-familja tagħhom, jemmen li l-ixprunaturi ewlenin ta' dan huma n-nuqqas ta' profittabbiltà fis-settur ikkawżat mill-enfasi unika fuq il-kompetittività u l-produzzjoni mingħajr ma tingħata biżżejjed attenzjoni lill-ħtieġa li l-bdiewa jiġu remunerati b'mod adegwat għal xogħolhom;

Or. en

Emenda 242
Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li l-bdiewa żgħażagħ ma jistgħux jikkompetu għall-art u l-opportunitajiet ta' investiment fejn l-

appoġġ tal-PAK jibqa' kkonċentrat iżżejjed; għalhekk, jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal limitu massimu obbligatorju u tnaqqis fid-degressività tal-pagamenti diretti fil-qafas tal-PAK ta' wara l-2027 bħala mezz biex jiġi żgurat li l-appoġġ agrikolu jilħaq aktar bdiewa attivi u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' bdiewa;

Or. en

Emenda 243
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod ta' informazzjoni u gwida prattiċi u aċċessibbli għall-bdiewa żgħażagħ, inklużi plattaformi diġitali uniċi li jipprovdu gwidi ssimplifikati, materjali bil-vidjo u appoġġ għall-ġestjoni tad-dokumenti u t-tlestija ta' proċeduri amministrattivi b'mod ċar, sempliċi u aċċessibbli;

Or. ro

Emenda 244
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq fuq il-fatt li l-farms tal-familja huma s-sinsla tal-agrikoltura Ewropea u jemmen li l-politiki dwar it-

tiġdid ġenerazzjonali jridu jagħtu prijorità liż-żamma u lit-trasferiment tagħhom lill-ġenerazzjonijiet futuri, u jipprevjenu konċentrazzjoni eċċessiva ta' art agrikola;

Or. ro

Emenda 245
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8a. Iqis li l-aċċess għall-art permezz ta' kuntratti ta' kiri fit-tul u arranġamenti ta' kiri bi skop ta' xiri jnaqqas il-kost tal-installazzjoni u jinċentiva lill-bdiewa żgħażagħ biex jużaw il-kapaċitajiet ta' investiment tagħhom biex itejbu l-produttività tagħhom billi jixtru tagħmir u makkinarju modern;**

Or. en

Emenda 246
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***8a. Jappella għal azzjoni aktar b'saħħitha biex tiġi ppreservata l-art agrikola bħala riżorsa strateġika għas-sigurtà tal-ikel, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-biedja sostenibbli, inkluż permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tat-telf tal-art agrikola u l-bidla fl-użu tal-art;**

Or. en

Emenda 247
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jappella għal azzjoni aktar b'saħħitha biex tiġi ppreservata l-art agrikola bħala riżorsa strateġika għas-sigurtà tal-ikel, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-biedja sostenibbli, inkluż permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tat-telf tal-art agrikola u l-bidla fl-użu tal-art;

Or. en

Emenda 248
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jissottolinja li l-intensifikazzjoni agrikola, il-konċentrazzjoni tal-art agrikola u l-ħtif tal-art iżidu l-ostakli għad-dħul għal bdiewa żgħażagħ u ġodda u b'hekk jimminaw direttament it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 249
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi ta' gwida professjonali u familjarizzazzjoni mal-agrikoltura sa mill-edukazzjoni skolastika, inkluż permezz ta' ġranet ta' informazzjoni dwar karrieri fl-agrikoltura, żjarat, laqgħat u attivitajiet prattiċi, sabiex iż-żgħażagħ jiffamiljarizzaw ruħhom mas-settur agrikolu u l-opportunitajiet li joffri;

Or. ro

Emenda 250
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jistieden lill-Istati Membri, fil-limiti tal-kompetenza tagħhom, jipprevedu strumenti effettivi għall-ġlieda kontra l-approprijazzjoni mhux agrikola ta' art agrikola u l-ispekulazzjoni b'art agrikola, kif ukoll il-konċentrazzjoni eċċessiva tal-art, filwaqt li jqisu l-istrutturi speċifiċi tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju tal-familja, b'mod partikolari fiż-żoni muntanjużi, ta' mergħat u żvantaġġati;

Or. de

Emenda 251
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jistieden lill-Istati Membri biex

jippromwovu oqfsa ta' kiri agrikolu trasparenti, infurzabbli u għal żmien twil biżżejjed, mekkaniżmi ta' tqabbil tal-art, u salvagwardji kontra l-użu ħażin jew it-telf ta' art agrikola produttiva, sabiex jipprovdu lill-bdiewa żgħażagħ is-sigurtà meħtieġa biex jinvestu, jippjanaw u jibqgħu fis-settur;

Or. en

Emenda 252
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, ***bil-mezzi*** kollha disponibbli, inklużi ***sistemi ta' punteġġ,*** jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, ***akkwist kollettiv tal-art u*** mekkaniżmi ***estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art***;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, ***permezz tal-mezzi*** kollha disponibbli, inklużi ***inċentivi fiskali għall-akkwist, il-kiri, il-wirt u t-trasferiment ta' art agrikola,*** jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, mekkaniżmi ***ta' ċessjoni jew kiri u metodi li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' azjendi agrikoli minn bdiewa anzjani lil bdiewa żgħażagħ***;

Or. es

Emenda 253
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta'	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda ***u dawk li jipprattikaw l-agroekoloġija***, bil-mezzi

punteġġ, jeddijiet ta’ prelazzjoni, arranġamenti ta’ biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta’ tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	kollha disponibbli, inklużi sistemi ta’ punteġġ, jeddijiet ta’ prelazzjoni, arranġamenti ta’ biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art***, banek tal-artijiet, trusts tal-art tal-komunità, inkubaturi tal-azjendi agrikoli,*** u mekkaniżmi estiżi ta’ tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;
	Or. en

Emenda 254
Emma Wiesner, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta’ punteġġ, jeddijiet ta’ prelazzjoni, arranġamenti ta’ biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta’ tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta’ punteġġ, jeddijiet ta’ prelazzjoni, arranġamenti ta’ biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta’ tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art***, jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti ta’ garanzija ta’ self tal-Bank Ewropew tal-Investiment għal bdiewa żgħażagħ, b’rikonoxximent li diversi Stati Membri għad iridu jattivaw dawn il-mekkaniżmi, u jistieden lill-BEI jiżviluppa miżuri ddedikati dwar il-ħtiġijiet ta’ finanzjament tad-dħul u s-suċċessjoni fl-azjendi agrikoli***;
	Or. en

Emenda 255
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art***, skemi individwali ta' xiri tal-art, skemi ta' sussidju tar-rata tal-imgħax, inċentivi fiskali, perjodi ta' grazzja xierqa għall-investimenti agrikoli u termini itwal ta' ħlas lura, bil-għan li jitnaqqas il-piż finanzjarju u jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ***;

Or. pt

Emenda 256
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art; ***jitlob ukoll salvagwardji xierqa kontra l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-art, il-ħtif tal-art u l-użu spekulattiv tal-art li jimminaw id-dħul ta' bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda fis-settur;***

Or. en

Emenda 257
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, ***reviżjoni u, fejn xieraq, is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-kiri ta' art agrikola,*** arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;

Or. en

Emenda 258
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art; ***jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni;***

Or. en

Emenda 259
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art***, u jisħaq fuq ir-rwol li jista' jkollhom il-banek tal-artijiet reġjonali u nazzjonali f'dan ir-rigward***;

Or. en

Emenda 260
Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż ***l-iffissar obbligatorju ta' limitu massimu u d-degressività,*** għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;

Or. en

Emenda 261
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Stefan Köhler, Paulo do Nascimento Cabral,

Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art ***u servizzi ta' medjazzjoni*** biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;

Or. en

Emenda 262
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Christine Singer, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art ***u*** mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art***,*** mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art ***u servizzi ta' medjazzjoni*** biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;

Or. en

Emenda 263
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;	9. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż għal parteċipanti ġodda, bil-mezzi kollha disponibbli, inklużi sistemi ta' punteġġ, jeddijiet ta' prelazzjoni, arranġamenti ta' biedja kollaborattiva, ***konsolidazzjoni tal-art,*** akkwist kollettiv tal-art u mekkaniżmi estiżi ta' tqabbil tal-art biex jappoġġjaw il-mobbiltà tal-art;

Or. en

Emenda 264
Christine Singer, Asger Christensen, Charles Goerens, Barry Cowen, Ciaran Mullooly, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrakkomanda li l-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali tagħhom fi kwistjonijiet tat-taxxa, jeżaminaw jekk inċentivi fiskali mmirati, tnaqqis fit-taxxi fuq it-trasferiment jew eżenzjonijiet fiskali oħra jistgħux jagħmlu l-bejgħ jew it-trasferiment ta' art agrikola lil bdiewa attivi, u b'mod partikolari lil bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda, aktar attraenti, inkluż billi jikkunsidraw trattament fiskali preferenzjali għal bdiewa attivi li jakkwistaw art agrikola u trattament fiskali differenzjat għall-akkwist minn investituri mhux agrikoli, bil-għan li jittejjeb l-aċċess għall-art u jiġi pprevenut it-telf ta' art agrikola għal skopijiet spekulattivi;

Or. en

Emenda 265
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw reġistri diġitali tal-art agrikola, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali u d-drittijiet tal-proprjetà, li jservu biex ilaqqgħu flimkien lis-sidien ta' azjendi agrikoli mhux utilizzati biżżejjed jew abbandunati (jew dawk li m'għandhomx suċċessur) u l-bdiewa żgħażagħ interessati li jaħdmu l-art permezz ta' akkwist, trasferiment, kiri, jew arranġamenti legali xierqa oħra;

Or. es

Emenda 266
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jemmen li minflok ma jiġu implimentati mekkaniżmi restrittivi ta' limitu massimu fil-qafas tal-PAK ta' wara l-2027, l-objettivi tal-ekwità u t-tiġdid ġenerazzjonali għandhom jiġu segwiti permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għad-dħul (CRIS) ottimizzati u volontarji u supplimenti msaħħa għall-bdiewa żgħażagħ, biex b'hekk l-appoġġ jiġi mmirat b'mod effettiv mingħajr ma jiġu fratturati artifiċjalment l-azjendi agrikoli kompetittivi;

Or. en

Emenda 267
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Carmen Crespo Díaz, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li t-tkabbir futur tal-UE se jkompli jżid il-pressjonijiet kompetittivi fis-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 268
Jessika van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Georgiana Teodorescu, Bert-Jan Ruissen, Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri jesploraw inċentivi fiskali mmirati biex jiffaċilitaw it-trasferiment interġenerazzjonali tal-azjendi agrikoli u l-mobbiltà tal-art, inklużi miżuri mmirati ta' tnaqqis fit-taxxa għat-trasferiment, l-akkwist jew il-kiri ta' art agrikola lil jew minn bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda; jisħaq li l-aċċess għall-art huwa prekundizzjoni essenzjali għal tiġdid ġenerazzjonali b'suċċess;

Or. en

Emenda 269
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden ukoll lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess tal-bdiewa żgħażagħ għall-art u jadottaw miżuri ferm aktar effettivi kontra x-xiri spekulattiv ta' artijiet agrikoli u l-konċentrazzjoni eċċessiva ta' sjieda tal-art, speċjalment meta dawn l-affarijiet jaffettwaw il-vijabbiltà tal-farms tal-familja u l-aċċess tal-bdiewa ġodda għall-art;

Or. ro

Emenda 270
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-miżuri tat-taxxa tal-Istati Membri li jiffaċilitaw it-trasferiment tal-azjendi agrikoli għandhom jinkludu espliċitament il-kiri fit-tul lill-membri tal-familja; jinnota bi tħassib li, fl-Irlanda, it-tnaqqis fit-taxxa fuq il-kiri fit-tul mhux disponibbli fejn il-kerrej ikun membru tal-familja; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kiri tal-familja bħala perkors ta' trasferiment leġittimu u effettiv;

Or. en

Emenda 271
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrikonoxxi li l-kiri tal-art huwa l-mezz primarju ta' aċċess għall-art agrikola f'diversi Stati Membri; jappella għal miżuri li jtejbu l-aċċess għal ftehimiet ta' kiri fit-tul u affordabbli għal bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 272
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv mudelli ta' biedja kooperattiva u arranġamenti kollettivi ta' sjieda tal-art, li jiffaċilitaw l-aċċess għall-art għaż-żgħażagħ, in-nisa u dawk barra mill-qafas tal-familja;

Or. en

Emenda 273
Benoit Cassart, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-bdiewa żgħażagħ fl-allokazzjoni, il-kiri jew il-bejgħ ta' art agrikola li tkun proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex itejbu l-aċċess tagħhom għall-art;

Or. en

Emenda 274
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Christine Singer, Barry Cowen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-bdiewa żgħażagħ meta jallokaw, jikru jew ibigħu art agrikola pubblika, sabiex itejbu l-aċċess tagħhom għall-art;

Or. en

Emenda 275
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq li l-ilħuq tal-objettivi ambjentali u klimatiċi jirrikjedi approċċ prammatiku u bbażat fuq inċentivi li jkun kompatibbli ma' agrikoltura kompetittiva u produttiva;

Or. en

Emenda 276
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Emma Wiesner, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jirrakkomanda li l-Istati Membri, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali tagħhom fi kwistjonijiet tat-taxxa, jeżaminaw jekk inċentivi fiskali mmirati, tnaqqis fit-taxxi fuq it-trasferiment jew eżenzjonijiet fiskali oħra jistgħux jagħmlu l-bejgħ jew it-trasferiment ta' art agrikola lil bdiewa attivi, u b'mod partikolari lil bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda, aktar attraenti, inkluż billi jikkunsidraw trattament fiskali preferenzjali għal bdiewa attivi li jakkwistaw art agrikola u trattament fiskali differenzjat għall-akkwist minn investituri mhux agrikoli, bil-għan li jittejjeb l-aċċess għall-art u jiġi pprevenut it-telf ta' art agrikola għal skopijiet spekulattivi;

Or. en

Emenda 277
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Carmen Crespo Díaz, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-bdiewa żgħażagħ jiġu appoġġjati fit-titjib tal-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività permezz ta' appoġġ adegwat tal-PAK, inċentivi ta' investiment, aċċess għall-finanzi u teknoloġiji moderni, sabiex jiġi żgurat settur agrikolu b'saħħtu u reżiljenti;

Or. en

Emenda 278
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jagħmlu disponibbli art pubblika, forestali, agrikola, jew art li m'għadhiex tintuża għat-tiġdid ġenerazzjonali, fejn ikun xieraq u soġġett għas-salvagwardji legali u ambjentali dovuti, sabiex tkun tista' tintuża fi proġetti produttivi mmexxija minn bdiewa żgħażagħ;

Or. es

Emenda 279
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri regolatorji biex jipprevjenu l-ispekulazzjoni tal-art u l-konċentrazzjoni eċċessiva, inklużi drittijiet ta' prelazzjoni, mekkaniżmi ta' limitu massimu għall-art u kontroll tal-prezzijiet tal-kera tal-art;

Or. en

Emenda 280
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jenfasizza li l-kumplessità eċċessiva, ir-rekwiżiti sproporzjonati u l-inċertezza regolatorja għandhom ir-riskju li jiskoraġġixxu l-investiment u jimminaw it-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 281
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9d. Jitlob li l-miżuri ambjentali tal-PAK ikunu prattiċi, ibbażati fuq ix-xjenza u adattati għall-kundizzjonijiet agrikoli lokali, filwaqt li jiżguraw li l-bdiewa jiġu ppremjati b'mod adegwat għas-servizzi ambjentali li jipprovdu u jingħataw ċertezza legali u qafas ċar għall-ippjanar tan-negozju fit-tul;

Or. en

Emenda 282
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	***imħassar;***

Or. de

Emenda 283
Marie Dauchy, Barbara Bonte, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;***	10. ***Jenfasizza li l-kwistjoni tal-art agrikola taqa' taħt il-kompetenza stretta tal-Istati Membri; jopponi għaldaqstant il-ħolqien ta' Osservatorju tal-Art tal-Unjoni bi prerogattivi ċentralizzati u vinkolanti; jappella biex tingħata prijorità lill-istabbiliment ta' portal ta' kondiviżjoni sempliċi tad-data statistika fuq bażi volontarja u li jiddependi fuq l-istituti nazzjonali eżistenti;***

Or. fr

Emenda 284
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda, Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art ***u data diżaggregata skont il-ġeneru***; ***jitlob li l-governanza tal-Osservatorju tal-Artijiet tkun espliċitament parteċipattiva, bil-partijiet interessati rilevanti kollha involuti fi struttura konsultattiva formali, u li l-mandat tiegħu jinkludi l-monitoraġġ tax-xejriet tal-konċentrazzjoni tal-art u l-***

identifikazzjoni tal-benefiċjarji attwali tat-tranżazzjonijiet tal-art agrikola; ifakkar li l-pagamenti diretti tal-PAK ibbażati fuq l-erja huma mutur rikonoxxut tal-konċentrazzjoni tal-art u jappella lill-Kummissjoni biex tivvaluta dan l-effett bħala kompitu prijoritarju għall-Osservatorju;

Or. en

Emenda 285
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti***, aċċessibbli għall-pubbliku*** u aġġornata regolarment dwar is-sjieda tal-art, ***il-konċentrazzjoni tal-art, l-akkwisti minn atturi finanzjarji,*** it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art***, inkluż monitoraġġ speċifiku tal-htif tal-art u l-prattiki spekulattivi madwar l-Unjoni***; ***u tittraduċi s-sejbiet tal-Osservatorju f'politiki li javvanzaw il-ġustizzja tal-art;***

Or. en

Emenda 286
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE

kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art, ***il-kiri tal-art, il-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-art, il-bidla fl-użu tal-art, inkluż it-teħid tal-art, u mudelli nazzjonali ta' governanza tal-art***;

Or. en

Emenda 287
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda ***u l-kiri***, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art, ***il-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-art, il-bidla fl-użu tal-art, inkluż it-teħid tal-art, u mudelli nazzjonali ta' governanza tal-art***;

Or. en

Emenda 288
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art; ***jistieden lill-Osservatorju jippubblika data dwar il-konċentrazzjoni tal-art, is-sjieda barranija***

u l-akkwisti mmexxija mill-investituri;

Or. en

Emenda 289
Michal Wiezik, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv ***u bir-riżorsi xierqa***, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art***, il-konċentrazzjoni tal-art u l-użu tal-art***;

Or. en

Emenda 290
Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;	10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Osservatorju tal-Art tal-UE kompletament operattiv ***mill-iktar fis possibbli***, b'data trasparenti u aġġornata regolarment dwar is-sjieda, it-trasferimenti u l-prezzijiet tal-art;

Or. en

Emenda 291
Michal Wiezik, Emma Wiesner, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Osservatorju tal-Artijiet tal-UE jivvaluta regolarment l-ostakli għall-aċċess għall-art għal bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda u jidentifika l-aħjar prattiki biex itejjeb l-aċċess għall-art u t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 292
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-konċentrazzjoni tal-art u l-akkwisti spekulattivi huma sfida strutturali li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri kollha u għalhekk iridu jiġu indirizzati fil-livell Ewropew;

Or. en

Emenda 293
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu jew iżommu, fejn diġà jeżistu, inċentivi fiskali u strumenti oħra ta' appoġġ immirati li għandhom l-għan li

jiffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa żgħażagħ għall-art agrikola; jissottolinja, b'mod partikolari, l-importanza ta' reġimi tat-taxxa favorevoli għat-trasferiment u l-akkwist tal-art, kif ukoll miżuri li jnaqqsu l-piż finanzjarju tal-istabbiliment u l-bidu ta' farms ġodda, sabiex jitneħħa wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu;

Or. it

Emenda 294
Michal Wiezik, Emma Wiesner, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw is-sejbiet tal-Osservatorju tal-Artijiet tal-UE biex jiżviluppaw miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-art għal bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda, inkluż permezz ta' servizzi ta' tqabbil tal-art, banek tal-artijiet, inventarji tal-art pubblika u skemi ta' suċċessjoni tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 295
Pär Holmgren
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' ħidma ddedikat, li jlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-

Osservatorju tal-Artijiet, il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u bl-appoġġ tad-dinja akkademika, tanalizza s-sejbiet tal-Osservatorju, tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin dwar għodod nazzjonali ta' governanza tal-art, u trawwem approċċi komuni għall-governanza tal-art agrikola fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 296
Michal Wiezik, Emma Wiesner, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi lokali li jimmonitorjaw u jiftħu d-disponibbiltà tal-art għal bdiewa żgħażagħ u ġodda;

Or. en

Emenda 297
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li ***l-intitolamenti għal pagament*** għandhom jappoġġjaw***, u mhux ifixklu***, it-tiġdid ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust ***għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva***;	11. ***Jilqa' t-tneħħija tas-sistema ta' intitolamenti fir-riforma l-ġdida tal-PAK peress li din is-sistema, ibbażata fuq attività agrikola storika, kienet tiddiskrimina kontra l-bdiewa żgħażagħ u ġodda,*** jisħaq li ***l-pagamenti tal-PAK*** għandhom jappoġġjaw it-tiġdid ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust ***għall-appoġġi tal-PAK, u jappella, f'dan il-kuntest, għal limitu massimu qawwi u degressività bħala għodod biex***

jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ, lill-bdiewa ġodda u lill-bdiewa żgħar biex b'hekk jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 298
Claire Fita, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom ***jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva***;	11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom ***jisparixxu fil-PAK li jmiss sabiex jitnaqqas il-kost tad-dħul għal dawk li jkunu għadhom ġodda u jqis li l-pagamenti degressivi u l-pagamenti akkoppjati għandhom anqas impatt negattiv taż-żieda fil-prezzijiet tal-art milli l-pagamenti diżakkoppjati skont l-erja***;

Or. en

Emenda 299
Arash Saeidi, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom ***jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid*** ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw ***is-sistemi*** tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva;	11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom ***jagħtu prijorità lit-tiġdid*** ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament***, jiffavorixxu lill-bdiewa attivi, lill-bdiewa żgħażagħ u lil parteċipanti ġodda, filwaqt li*** jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw ***l-iskemi*** tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola

produttiva; ***jitlob, f'dan il-kuntest, limitu massimu qawwi u degressività bħala għodod biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-art u l-pressjoni fuq l-art, u b'hekk jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali;***

Or. en

Emenda 300
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva;	11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid ġenerazzjonali billi jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva; ***jistieden lill-Istati Membri jżommu sistemi bbażati fuq intitolament biex jiżguraw prijorità lill-bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda u skemi ta' aċċess simplifikati permezz ta' riżervi nazzjonali jew reġjonali;***

Or. en

Emenda 301
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Pekka Toveri, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid ġenerazzjonali billi	11. Jisħaq li l-intitolamenti għal pagament għandhom jappoġġjaw, u mhux ifixklu, it-tiġdid ġenerazzjonali billi

jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva;	jiżguraw aċċess ġust għal dawn l-intitolamenti għal pagament, jipprevjenu trasferimenti spekulattivi u jallinjaw is-sistemi tal-intitolamenti mas-suċċessjoni tal-farms, il-mobbiltà tal-art u l-attività agrikola produttiva; ***jenfasizza li l-intitolamenti għall-pagament għandhom jippremjaw b'mod ġust lill-bdiewa attivi involuti f'attività agrikola ġenwina;***

Or. en

Emenda 302
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Marie Dauchy, Barbara Bonte, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-bdiewa żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea għandhom minn darbtejn sa tliet darbiet aktar ċans li l-applikazzjonijiet tagħhom għal self jiġu miċħuda mill-bdiewa li għandhom aktar minn 40 sena, prinċipalment minħabba garanzija, kapital u storja ta' kreditu limitati; jenfasizza li, f'xi każijiet, aktar minn 50 % tal-applikazzjonijiet għal self sottomessi minn bdiewa żgħażagħ jiġu miċħuda, meta mqabbla ma' 32 % għall-bdiewa akbar fl-età;

Or. en

Emenda 303
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Pekka Toveri, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja l-ħtieġa għal definizzjoni u infurzar aktar b'saħħithom tal-prinċipju tal-bidwi attiv biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun immirat lejn dawk li jikkultivaw l-art b'mod attiv u biex jiġu pprevenuti prattiki spekulattivi li jillimitaw il-mobbiltà tal-art u jfixklu l-aċċess tal-bdiewa żgħażagħ għall-art;

Or. en

Emenda 304
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar li r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 jistabbilixxi linji gwida għad-definizzjoni tal-prinċipju tal-bidwi attiv; jisħaq fuq il-ħtieġa li dan il-prinċipju tal-bidwi attiv jiġi definit u żviluppat aħjar sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tasal għand dawk li fil-fatt jinvolvu ruħhom f'attività agrikola u ma jikkontribwix għall-akkumulazzjoni tal-art jew għal prattiki spekulattivi li jillimitaw l-aċċess tal-bdiewa żgħażagħ għall-art;

Or. en

Emenda 305
Carmen Crespo Díaz, Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu, fuq bażi volontarja u b'rispett lejn il-proprjetà privata, il-ġbir, il-konsolidazzjoni jew il-ġestjoni konġunta tal-art minn bdiewa żgħażagħ, bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż, tittejjeb id-dimensjoni ekonomika tal-azjendi agrikoli, jiġu ffaċilitati investimenti konġunti, u tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom fil-kummerċjalizzazzjoni;

Or. es

Emenda 306
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Is-salvagwardja tal-kontinwità u l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli tal-familja tirrikjedi li tiġi evitata frammentazzjoni eċċessiva tal-azjendi agrikoli; jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu tali frammentazzjoni fi proċessi ta' suċċessjoni li jinvolvu diversi werrieta, inkluż billi jiffaċilitaw ġestjoni konġunta jew kooperazzjoni fost suċċessuri żgħażagħ li beħsiebhom ikomplu l-biedja;

Or. en

Emenda 307
Jérémy Decerle, Asger Christensen, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Barry Cowen, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' governanza tal-art li jkunu kapaċi jidentifikaw u jiġġieldu l-korruzzjoni, il-frodi, il-kunflitti ta' interess, is-sekwestru tal-art u prattiki illegali oħra, sabiex jiggarantixxu aċċess ekwu għall-art, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u biex jidderieġu l-għajnuna pubblika lejn bdiewa attivi;

Or. en

Emenda 308
Maria Walsh, Wouter Beke, Daniel Buda, Paulo do Nascimento Cabral, Stefan Köhler, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw sistemi ta' governanza tal-art li jkunu kapaċi jidentifikaw u jindirizzaw il-ħtif tal-art, il-korruzzjoni, il-frodi, il-kunflitti ta' interess u prattiki illegali oħra, bil-għan li jiġi żgurat aċċess ġust għall-art u li l-appoġġ pubbliku jiġi dirett lejn bdiewa attivi;

Or. en